MALTA

ATT Nru. IV ta' l-1989

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel.

ACT No. IV of 1989

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Hotels and Catering Establishments Act, 1967.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

28 ta' Frar, 1989

ATT Nru. IV ta' l-1989

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 li jemenda l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu. Att Nru. XII ta' l-1967.

2. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:— Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

(a) il-paragrafu (f) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (ġ); u

(b) minnufih wara l-paragrafu (e) tiegħu għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:—

"(f) biex jistabilixxi jew jagħti setgħa lill-Bord li jistabilixxi l-inqas faċilitajiet u servizzi li għandhom jingħataw

f'lukandi, *hostels* u stabbilimenti li jipprovdu l-ikel ta' kull klassi, u biex jistabilixxi jew jagħti setgħa lill-Bord jistabilixxi l-prezzijiet għal dawk il-faċilitajiet u servizzi;".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 202 tat-22 ta' Frar, 1989.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati